MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 276/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anton Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anton Grima talli fil-25 ta' Lulju 2008 ghall-habta tas-2.00 pm gewwa l-fond 'Ward u Zahar' fi Triq is-Sultana, Paola, hebb ghal Mary Rose Schembri minn Hal-Luqa u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Silvio Grixti mill-Paola Health Centre.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Settembru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anton Grima hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tieghu u, wara li rat l-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghall-piena ta’ tmint ijiem prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Anton Grima pprezentat fid-9 ta’ Ottubru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija dwar l-unika imputazzjoni u tvarja dik il-parti fejn gie kkundannat ghal tmint ijiem prigunerija u minflok wara tapplika l-iskuzanti kontemplata fl-artikolu 232(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundannah ghal piena ohra gusta u idoneja fic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni tal-istess skuzanti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) ghandha tapplika ghalih l-iskuzanti kontemplata fl-artikolu 232(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (2) il-piena mhijiex dik idoneja.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi fil-hin ta’ l-incident Mary Rose Schembri kienet tinsab gewwa r-residenza tieghu peress illi qabdet u dahlet gewwa minghajr ma kienet mistiedna jew awtorizzata biex tidhol, u wara li dahlet bdiet targumenta ma’ omm l-appellant. Hija bdiet tghajjar u toffendi lill-appellant u hebbet ghalih u kkagunatlu griehi ta’ natura hafifa. Dan huwa kkonfermat mill-fatt li Schembri nstabet hatja ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha kif jidher mid-Dok. A. It-tieni imputazzjoni tirrigwarda offiza ta’ natura volontarja u hija delitt. Ghalhekk hija applikabbli l-iskuzanti kontemplata fl-artikolu 230(c) tal-Kap. 9 stante li l-agir ta’ l-appellant kien kondizzjonat bil-fatt li Mary Rose Schembri wettqet offiza volontarja ta’ natura hafifa fuq il-persuna tieghu.

L-ewwelnett jinghad illi hemm verzjonijiet konfliggenti dwar kif Mary Rose Schembri spiccat fl-intrata tar-residenza fejn kien qieghed jghix l-appellant. Schembri tghid illi kienet fil-bieb tkellem lil omm l-appellant meta hareg l-appellant, taha daqqa ta' ponn go idejha, waddabha gewwa, sakkarha gewwa, beda jghajjat li jrid joqtolha u beda jtiha kemm jiflah. Mill-banda l-ohra l-appellant u ommu Marianna Grima xehdu li Schembri daqqet il-qanpiena u qabdet u fethet il-bieb u dahlet fl-intrata tghajjat. Hawn mbaghad hemm verzjonijiet konfliggenti bejn l-appellant u ommu dwar dak li ghamlet Mary Rose Schembri. L-appellant jghid illi Schembri girfitu "ghax qisha ha taqbad tiggieled sejra hekk" mentri ommu tghid illi Schembri kienet qed tferfer idejha, laqtet lill-appellant u girfitu u hu xejjer idu, laqghetha f'ghajnejha u hi waqghet ma' l-art u habtet geddumha.

Din il-Qorti ma tqisx verosimili dak li qalet Mary Rose Schembri li ma qabditx u dahlet fir-residenza msemmija peress illi jekk stess l-appellant aggrediha meta kienet fil-bieb, ma kienx jitfaghha 'l gewwa izda semmai 'l barra mir-residenza. Jigifieri Mary Rose Schembri certament ma kellha ebda dritt taqbad u tidhol fl-imsemmija residenza. Issa, jirrizulta illi meta kienet qed titkellem ma' omm l-appellant, Schembri qalet xi diskors fis-sens li l-appellant kien qieghed jaqlibha lil martu (bint Schembri). Omm l-appellant fil-fatt tghid li l-appellant irrabja ghal dan id-diskors. Pero` minn kif tiddeskrivi l-incident omm l-appellant, il-grif lil binha jidher li sar b'mod involontarju da parti ta' Schembri. Schembri dwar dan ma tghid xejn. Anzi taghmel ta' birruhha illi ma taf xejn dwar proceduri li ttiehdu kontra taghha dwar l-istess incident fejn giet akkuzata li nsulentat lill-appellant u kkagunatlu offizi ta' natura hafifa u ghal liema imputazzjonijiet giet ikkundannata ammonizzjoni u reprensjoni. Dan kollu ma jiskuzax lill-appellant ghad-daqqa li xejjer lejn Schembri, izda certament taqbel mad-difiza li kien hemm element ta' provokazzjoni da parti ta' Schembri bl-agir taghha.

Ciononostante, il-piena nflitta mill-ewwel Qorti xorta taqa' fil-parametri tal-ligi peress illi anke bl-applikazzjoni ta' l-

artikolu 230(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’referenza ghall-artikolu 232(c), il-piena hi ta’ mhux aktar minn xahar prigunerija, jew il-multa jew il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet. F’dan il-kaz hi certament indikata piena ta’ prigunerija, b’dan illi in vista tac-cirkostanzi familjari prezenti bejn il-partijiet mhuwiex opportun illi jkun b’effett immedjat.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal tmint ijiem b’effett immedjat u minflok tikkundannah ghal tmint ijiem prigunerija liema sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ sentejn millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------